7 ta' Marzu, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Joseph Peplow *versus* Ferdinando Galea

**Rexissjoni — Simulazzjoni — Azzjoni Rexissorja — Preskrizzjoni — Imgħax — Użura — Kawża Illeċita — Nullità — Art. 1266, 1268, 2248, 1948, 1030, u 1033 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Għal talba tar-rexissjoni ta' kuntratt minħabba simulazzjoni ma hix applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn, u langas dik ta' ħames snin; għax l-azzjoni ta' simulazzjoni ma għandhiex tiġi konfuża ma' l-azzjoni rexissorja. L-azzjoni ta' simulazzjoni hi soġġetta għall-preskrizzjoni ta' tletin sena.*

*Il-liġi tillimita l-imgħax għal sitta fil-mija; u obligazzjoni għal imgħax għola minn dik ir-rata ma jistax ikollha ebda effett. Għaldaqstant obligazzjoni simili hija ineżistenti u nulla b'mod assolut; u l-azzjoni relativa għal obligazzjoni ineżistenti ma tistax tiġi preskritta.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi in forza ta' kuntratt in atti Dr. John Micallef Trigona tal-11 ta' Mejju, 1951, (dok. A) huwa kkostitwixxa ruħu debitur tal-konvenut

fis-somma ta' £550, lilu somministrati b'titolu ta' mutwu, bl-imgħax tal-ħamsa fil-mija, għax-xiri ta' żewġ motor cars numri 1911 u 2686, restitwibili fi żmien tliet snin; u li fil-fatt l-ammont versat mill-konvenut kien biss ta' £500, u għall-bilanċ ta' £50 il-kostituzzjoni tad-debitu hija fittizja, simulata, u/jew tikkostitwixxi użura, u l-istess ammont mhux kwindi minnu dovut; u li għalhekk għall-imsemmi eċċess ta' £50 l-att fuq imsemmi għandu jiġi dikjarat null u ta' ebda effett, u l-iskrizzjoni ipotekarja relativa, reġistrata fil-Vol. I numru 1795 tal-15 ta' Mejju, 1951, għandha tiġi ukoll proporzjonalment ridotta;

U li inoltre, fl-20 ta' Awissu, 1952, il-konvenut ippreżentalu għall-firma (li ġiet minnu in bwona fede apposta) dokument taħt forma ta' skrittura privata, li l-oriġinal tagħha jinsab alligat ma' l-attijiet tal-kawża pendenti quddiem din il-Qorti fl-ismijiet "Galea vs. Peplow" (ċitazzjoni numru 193 ta' l-1954), u kopja informi tagħha hija unita bħala dokument B ma' l-att taċ-ċitazzjoni; in forza ta' liema skrittura l-konvenut, jew dolożament jew b'"errore di fatto sostanziale", kellu l-iskop li jottjeni prova illi l-attur kien debitur tiegħu fis-somma ta' £958, bl-imgħax tal-ħamsa fil-mija, bħala prezz ta' bejgħ ta' motor car Ford Saloon no. 5018 u motor car Vauxhall Saloon no. 13311, mentri effettivament dawn iż-żewġ motor cars ġew imħallsin, "in toto" jew in parti, mill-profitti ta' diversi operazzjonijiet ta' bejgħ u permuti ta' motor cars akkwistati oriġinarjament bil-kapital ta' £500, oġġetti ta' mutwi fuq imsemmija; u li huwa in bwona fede u in konsegwenza ta' "errore di fatto sostanziale" iffirma l-iskrittura privata msemmija; u li fil-fatt, skond l-alligata dikjarazzjoni, huwa biss debitur tal-konvenut fis-somma ta' £474.3.3, salva kwalunkwe riduzzjoni illi tista' tirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża għall-eċċess ta' imgħax imħallsin, u salv kull ammont verjuri li jiġi likwidat; u li l-ammont ta' £958 huwa fittizju, eċċessiv, u/jew jikkomprendi użura, u għandu jiġi ridott sa' l-ammont effettivament dovut minnu lill-konvenut, u għal kwalunkwe eċċess l-imsemmija skrittura hija invalida, nulla u ta' bla effett;

U li huwa, inoltre, skond l-alligati riċevuti, ħallas ukoll

lill-konvenut is-somma ta' £139, li wara l-kalkolu ta' l-imgħaxijiet dovuti għandha tiġi għal kwalunkwe eventwali eċċess imputata in restituzzjoni tal-kapital;

Talab, prevja, jekk neċessarja, il-likwidazzjoni ta' l-ammont effettivament minnu dovut lill-konvenut, (1) li jiġi dikjarat u deċiż illi l-att notarili tal-mutwu riċevut u publikat minn Nutar Dr. John Micallef Trigona fil-11 ta' Mejju 1951, huwa biss validu għall-ammont ta' £500 effettivament lilu versati mill-konvenut, bl-imgħax tal-ħamsa fil-mija, u hu null, invalidu u ta' ebda effett, għall-bilanċ ta' £50 u l-imgħax fuq dan l-ammont, u li r-relativa inskrizzjoni ipotekarja fil-Vol. I numru 1795/1952 tal-15 ta' Mejju 1952 għandha tiġi proporzjonalment ridotta; (2) li jiġi dikjarat u deċiż, bl-inklużjoni tal-komputazzjoni tal-kapital fuq imsemmi ta' £500, inatteża l-iskrittura privata ta' l-20 ta' Awissu 1952 (li, jekk neċessarja, għandha tiġi annullata u rexissa integralment, jew alternativament dikjarata valida biss in parte, u nulla u ta' l-ebda effett għall-parti l-oħra, skond l-ammont minnu dovut lill-konvenut), illi effettivament l-ammont dovut minnu lill-konvenut għas-saldu tar-rifużjoni ta' l-imsemmija £500 u imgħaxijiet relativi, u għas-saldu ta' kull pendenza in konnessjoni mal-operazzjonijiet ta' bejgħ u permuti ta' motor cars, kif speċifikat fl-alligata dikjarazzjoni, magħmulin mill-konvenuti akkont u/jew fl-interess ta' l-attur, huwa ta' £473 3s. 3d., jew kull ammont ieħor illi għal dan l-effett jiġi likwidat; b'dana illi kwalunkwe eċċess ta' imgħaxijiet, li fit-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta mħallas minnu lill-konvenut jiġi mputat in restituzzjoni tal-kapital. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta: 1. Illi l-ewwel domanda hija azzjoni ta' rexissjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar għand in-Nutar Dr. John Micallef Trigona fil-11 ta' Mejju 1951, u ma tistgħax tiġi akkolta, għaliex preskritta (art. 1266 (1) u (2) Kodiċi Ċivili); 2. illi d-domandi l-oħra huma infondati, għaliex huwa għandu jieħu l-ammont li talab fiċ-ċitazzjoni numru 193 quddiem din il-Qorti, differita għat-30 ta' Ġunju, 1954, u mhux dak li jippretendi l-attur, peress li dan, biex jiġi għall-

ammont minnu indikat bħala dovut, ħalla barra, fil-konteġġ li għamel, diversi operazzjonijiet li fihom il-konvenut kien kreditur, u indika wkoll ammonti anqas minn dawk li kellu jagħti lill-konvenut u ammonti akbar minn dawk imħallsin lill-istess konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-14 ta' Ottubru 1954, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut kontra l-ewwel talba tal-attur; wara li kkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mill-allegazzjonijiet tal-attur, kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni tiegħu li takkompanja dak l-att, u magħmula waqt it-trattazzjoni orali tal-istess eċċezzjoni, il-konvenut irid li jiġi rexiss il-kuntratt tal-mutwu fuq imsemmi in atti Dr. John Micallef Trigona, limitatament għas-somma ta' £50, għar-raġuni minnu allegata illi relativament għal dik is-somma ma kienx hemm mutwu, imma simulazzjoni ta' mutwu, għaliex huwa ma rċevihomx, billi in rigward tal-istess £50 ġie kombinat u simulat mutwu għall-iskop li jiġu prokurati lill-konvenut, li għamillu l-mutwu għall-bilanċ ta' £450, interessi eċċedenti l-limiti stabbilit fl-art. 1948 tal-Kodiċi Ċivili, taħt l-isem ta' mutwu; liema kuntratt, konformement għad-dispożizzjoni kontenuta fl-artikolu susseġwenti ta' l-istess Kodiċi ċitat, "jista' jitħassar";

Illi għalhekk l-attur qiegħed, proprjament, jaġixxi bl-azzjoni tas-simulazzjoni; għaliex, kif ġa ingħad, jippretendi li ġie simulat mutwu biex tiġi moħbija użura;

Illi, kwindi, kontra dina l-pretensjoni ta' l-attur ma tistgħax tiġi effikaċement invokata l-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-art. 1266 tal-Kodiċi ċitat, u lanqas dik ta' ħames snin kontemplata fl-art. 1268 tal-istess Kodiċi; għaliex dawk il-preskrizzjonijiet jirrigwardaw l-azzjoni tan-nullità u tar-rexissjoni biex jannullaw kuntratt li jkollu nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet neċessarji għall-eżistenza tiegħu, jew ikollu xi vizzju li jinvalidah, jew ikun leżiv għal xi wieħed mill-kontraenti, fil-każijiet li fihom hija permessa r-rexissjoni għal kawża ta' leżjoni; imma ma jirrigwardawx l-azzjoni tas-

simulazzjoni, li ma għandhiex tiġi konfuża mal-azzjoni rexissorja, u li hija suġġetta għall-preskrizzjoni trigenarja stabbilita fl-art. 2248 *tal-Kodiċi ċitat. Hekk ġie ritenut mill-Prim'* Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Grech vs. Zammit" (Kollez. XVI-I-332); f'liema sentenza, fuq l-awtorità ta' sentenza tal- Kassazzjoni Romana, Napoletana u Torinese, ġie affermat illi "l'azione di simulazione non può confondersi con la rescissoria, perchè chi la esercita mira ad ottenere la dichiarazione dell' inesistenza dell' atto, cui le parti non intesero mai attribuire alcuna esistenza legale od alcuna efficacia. Quindi l'azione di simulazione è soggetta *soltanto alla prescrizione trigenaria" (stabilita fl-artikolu* 2248 tal-Kodiċi Ċivili);

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bijennali minnu mogħtija u konsegwentement tiġi riġettata l-ewwel domanda ta' l-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi l-preskrizzjoni eċċepita mill-appellant hija dik kontemplata* fl-art. 1266 tal-Kodiċi Ċivili, li jistabbilixxi li, barra meta l-liġi f'xi każ partikulari ma tiffissax żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexissjoni mħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' mara miżżewġa, interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn; u l-istess regola tapplika għar-rexissjoni ta' obligazzjonijiet mingħajr kawża, jew fondati fuq kawża falza. Din il-preskrizzjoni ta' sentejn ġiet opposta kontra l-ewwel domanda avanzata bl-att taċ-ċitazzjoni, *li biha l-attur talab li tiġi dikjarat u deċiż illi* l-att notarili tal-mutwu, riċevut u pubblikat minn Nutar Dottor John Micallef Trigona fil-11 ta' Mejju 1951, huwa biss validu għall-ammont ta' £500, effettivament lilu versati mill-konvenut, bl-imgħax tal-5%, u hu null, invalidu u ta' ebda effett, għall-bilanċ ta' £50 u l-imgħax fuq dan l-ammont, u li r-relativa inskrizzjoni ipotekarja, fil-Vol. I numru 1795/1952 tal-15 ta' Mejju 1952, għandha tiġi proporzjonalment ridotta. Din id-domanda hija bażata fuq il-kawżali li l-ammont realment ver-

sat mill-konvenut fuq l-imsemmi att ta' self kien ta' £500, u l-bilanċ ta' £50 ma ġie qatt versat, "u ġie miżjud fittizjament biex jimmaskera wżura fuq dawk il-£500";

Ikkunsidrat;

Illi l-art. 1948 tal-Kodiċi Ċivili jillimita l-imgħax għal sitta fil-mija (6%); u skond id-dispożizzjonijiet kombinati ta' l-art. 1030 u 1033 ta' l-istess Kodiċi, l-obligazzjoni għall-imgħax għola minn dik ir-rata ma jista' jkollha ebda effett u għalhekk hija ineżistenti u nulla b'mod assolut (App. Civ. 18 ta' Ġunju 1945 in re "Bellia vs. Zammit", Kollez. XXXII-I-263). B'sentenza oħra ta' din il-Qorti tat-18 ta' Novembru 1914 in re "Marmarà vs. Caruana" (Kollez. Vol. XXII-I-193), ġie ritenut li "nessun atto, per quanto liberamente consentito e talora ripetuto, e nessun periodo di tempo, per lungo che sia, possono valere a dare efficacia ad una obligazione proibita per ragione di ordine pubblico";

Ikkunsidrat;

Illi, trattandosi fil-każ in eżami ta' obligazzjoni ineżistenti, skond il-pretensjoni tal-attur, hemm lok li jiġi eżaminat jekk l-azzjoni relativa tistgħax tiġi preskritta. Dan il-pont ġie riżolut f'sens negativ b'sentenza ta' din il-Qorti ta' l-4 ta' Marzu 1938 in re "Lia vs. Genovese" (Kollez. Vol. XXX, parte I, pag. 103), b'riferenza għal sentenza oħra ta' dawn il-Qrati, u b'ċitazzjoni ta' diversi awtorità;

Is-sentenzi hemm ċitati huma dik ta' din il-Qorti tas-6 ta' Novembru, 1876 in re "Psaila vs. Psaila" (Kollez. Vol. VII, pag. 635), li rriteniet "che non è applicabile al caso la prescrizione di cinque anni contemplata nell'articolo 932 dell' Ordinanza no. VII del 1868 (il-lum 1268), perchè in quell' articolo si tratta di rescissione di una obbligazione, e nel presente caso, stante la detta nullità assoluta, non vi è stata alcuna obbligazione". Sentenza oħra ta' din il-Qorti (Appell Inferjuri) ta' l-14 ta' Diċembru, 1935, in re "Zammit vs. Zahra", irriteniet li l-preskrizzjoni kontra "le materie che appartengono all'ordine pubblico (bħal dik tal-użura in eżami) non è ammissibile"; u żiedet tgħid li ma jistgħux jiġu opposti l-preskrizzjonijiet kontemplati fl-artikoli 930 u 932 tal-imsemmija Ordinanza VII tal-1868 (il-lum 1266 u 1268).

B'sentenza oħra ta' din il-Qorti tal-5 ta' April 1937, *in re* "Abela vs. Farrugia", ġie ritenut, in bażi għal dak li ġie stabbilit bis-sentenza ċitata "Zammit vs. Zahra", li d-dritt tal-kondutur biex jirripeti l-ammont minnu mħallas f'każ ta' *vjolazzjoni tal-liġi huwa impreskrivibbli*;

Ikkunsidrat;

Illi, in bażi għall-ġurisprudenza fuq ċitata, il-preskrizzjoni eċċepita ma tistax tiġi ammessa. Jingħad ukoll li, kif ġie rilevat fis-sentenza "Lia vs. Genovese", superjorment ċitata, l-art. 1266, li bis-saħħa tiegħu dik il-preskrizzjoni ġiet opposta, fost id-diversi kawżi fiħ enumerati ma jikkomprendix dik ta' l-illiċejità tal-kawża, li hija s-sostrat tal-preżenti azzjoni;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

*Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.*